MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 336/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONNICI**

**VS**

**JOHN PAUL AGIUS**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Paul Agius ta’ 25 sena, imwieled tal-Pieta’ nhar l-4 ta’ Lulju, 1978, bin Paul u Mary nee’ Borg, residenti fil-fond numru 12, St Mary, Flat 2, Triq F Tortell, Paola, detentur tal-karta tal-identita’ numru 319678 (M) ;

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fis-16 ta’ Awissu, 2001, u fi zmien ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmula minnu, anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni

wahda, bhala detentur tal-fond numru 106, Ponsonby Store, sitwat fi Triq Ponsonby, Gzira, jew bhala persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl, li jinsab fl-imsemmi fond, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi Lm100.00 (cioe' Lm470.80), u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 261, 263(a), 264(1 & 2), 267 u 270 rispettivament tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku, jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku;

U fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat, jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvvista tal-eletttriku jew sigilli taghhom u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 326(1)(c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tal-lum, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li nghata zmien skond il-Ligi;

Rat l-Artikoli 261 *et sequitur* u 326 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fil-frattemp l-imputat lahaq hallas parti sostanzjali mill-bilanc dovut lill-Enemalta, u llum fadallu jhallas is-somma ta' madwar Lm170.00 (mija u sebghin lira maltin).

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat John Paul Agius hati tal-akkuzi kif dedotti, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portat ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------